**Kunsill Lokali Paola**

*Ref*: 45/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 45**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Tyrone Muscat, il-Kunsilliera Rita Delezio, u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil Joseph Tirchett.

Il-Viċi Sindku Dominic Grima u il-Kunsillier Renald Dalli, kienu skużati.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

*Fil-bidu ta' din il-laqgħa, is-Sindku xtaq, f'ismu u f'isem il-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill Lokali Paola, juri id-dispjaċir tiegħu għat-telfa ta' omm il-Viċi Sindku Dominic Grima, is-Sinjura Eugenia Grima. Il-membri wasslu l-kondoljanzi tagħhom lis-Sur Grima.*

1. **Minuti tal-Laqgħa Nru. 44 tas-Sitt Leġislatura**

1.1. Il-Minuti ġew approvati *nem com.*

2. **Proġett tal-Knisja St. Ubaldeska u Knisja Kristu Re**

2.1. Għal din il-parti tal-laqgħa is-Sindku stieden lil Konsulent tal-Kunsill Lokali Dr. Malcolm Borg sabiex iwassal il-preżentazzjoni tieghu (annessa) marbuta ma dan il-proġett. Għal din il-parti tal-laqgħa ingħaqad mal-membri il-Kappillan tal-Parroċċa Kristu Re Dun Marc Andre. Dr. Malcolm Borg qal illi fil-preżentazzjoni tieghu ser jitkellem dwar il-possibilità li isir xogħol ta' restawr estensiv fil-Knisja ta' St. Ubaldeska kif ukoll fil-kampnari tal-Knisja Kristu Re.

2.2. Dr. Borg sostna illi iż-żewġ binjiet *in kwistjoni* huma ta' importanza mhux biss għall-wirt lokali imma anke dak nazzjonali.

2.3. Dr. Malcolm Borg qal illi f'laqgħa li huwa kellu mal-Kappillan Dun Marc Andre fejn anke ra l-istat tal-Kampnari tal-Knisja Kristu Re, huwa innota illi fejn jidħol restawr ix-xogħol li hemm bżonn isir huwa wieħed sostanzjali u ta' ħtieġa kbira.

2.4. Dr. Malcolm Borg informa lil membri li jekk huma jaqblu mal-pjanijiet kif murija fil-preżentazzjoni jibda l-proċess ta' l-applikazzjoni sabiex umbagħad ikun jista isir xogħol ta' manutenzjoni u anke proġetti ġodda fil-Knejjes ta' Kristu Re u St. Ubaldeska.

2.5. Is-Sindku Roderick Spiteri irringrazzja lil Dr. Malcolm Bord ta' l-informazzjoni dettaljata illi huwa wassal u qal illi bl-approvazzjoni ta' sħabu l-kunsilliera żgur li għandu jimxi l-proċess marbut ma' dan il-proġett.

2.6. Għaldaqstant is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex kif tasal l-opportunita biex jinkisbu fondi Ewropej marbuta ma' dan il-proġett issir l-applikazzjoni b'mod immedjat kif ukoll isiru laqgħat ma' Ministeri konċernati u ma' Heritage Malta fejn dawn jiġu infurmati bil-proġetti imsemmija sabiex tiġi esplorata l-possibilità li huma jkunu jistgħu jassistu fil-*co-financing* tal-proġett. Il-Membri qablu.

2.7. Dr. Malcolm Borg qal ukoll illi l-proċess li jmiss huwa li jiġi mibni pjan tax-xogħol li irid isir fosthom l-*updating* tad-dokumenti tiġa ppreparati mal-proġett ta' St. Ubaldeska filwaqt li l-istess proġett għandu jiġi diskuss mal-Perit tal-Knisja Mario Grech.

Il-Kappillan telaq mil-laqgħa.

2.8. Dr. Malcolm Borg ħa l-opportunita sabiex informa lil membri li bħalissa għaddej il-proċess sabiex jingħalqu l-proġetti ta' *Hybrid Parks*, *At Fort* kif ukoll il-Proġett ta' l-ESF. Huwa kompla billi qal li qed isiru applikazzjonijiet għall-proġetti oħra sabiex umbagħad naraw liem minnhom jirbaħ l-istess Kunsill. Il-Proġett *Linking the Lines* però huwa magħluq u l-Kunsill Lokali rebaħ dan il-proġett.

Dr. Malcolm Borg telaq mil-laqgħa.

## 3. <u>Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-Pagamenti</u>

3.1. Il-Kunsillier Steven Axisa xtaq jiddikjara li kellu konflitt ta' interess f'item nru. 82 fl-skeda ta' pagamenti u għalhekk astjena minn dan il-vot.

3.2. Il-membri l-oħra tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 45 għas-somma ta' €82,168.71.

## 4. Aġġornament

4.1. Is-Sindku talab lil membri l-approvazzjoni sabiex jinxtraw *dustbins* ġodda għall-pjazza u l-membri qablu.

4.2. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.00pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 17 ta' Frar 2015.

Approvati llum 17 ta' Frar 2015

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku